Minuti tas-seduta numru erbgħa u għoxrin (24) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020 fis-6.00pm fuq skype.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE)* |
| Skużat: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Uffiċjali: | | |
| | Is-Sur Paul Bugeja | Evalwatur tal-Offerti Pubbliċi* |
| | Dr Richard Sladden | Evalwatur tal-Offetti Pubbliċi* |

* kienu preżenti fis-Sede tal-Kunsill 30, Triq Inguanez, ir-Rabat

**24.01** **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Talba u ittri ta' apoloġija

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u dawk preżenti qalu t-talba.

Is-Sur Rudolph Grima kien assenti u skużat għax ma setax jaqbad fuq *Skype* bħal kunsillieri l-oħra.

**Mozzjoni ta' Proċedura – Tibdil fix-xogħol tal-agenda**

Mozzjoni ta' Proċedura

Kien hemm mozzjoni ta' proċedura mressqa mis-Sindku Is-Sur Sandro Craus u ssekondata mis-Sur Matthew Chetcuti sabiex ikun diskuss fuq l-agenda l-item tal-Appell tal-Kostruzzjoni tal-Ġnien ta' Bir Iljun. Ma kienx hemm voti kontra u l-ebda astenzjoni u għaldaqstant il-KLR ta ċ-ċans lil Dr Richard Sladden LLD u lis-Sur Paul Bugeja sabiex jitkellmu dwar dan l-appell li issa jidher li ntilef u se toħroġ is-sejħa għall-offerta pubblika mill-ġdid. Huma tkellmu fuq il-parti teknika tal-offerta indirizzata fl-appell. Qalu wkoll illi talbu l-parir ta' l-Enġiniera Galea Curmi u qagħdu fuqu. Is-Sinjuri Bugeja u Sladden qalu illi meta jiġri dan, il-membri jkollhom fiduċja fl-esperti tekniċi kif jiġri wara kollox fil-Qrati. Intant, peress li dawn Galea Curmi ma ffirmawx id-dikjarazzjoni tal-Kunfidenzjalità u l-Imparzjalità, jidher li l-appell intilef u se jkollha toħroġ s-sejħa għall-offerta pubblika mill-ġdid. L-evalwaturi qalu illi fis-sustanza kellna raġun għaliex ir-rapport ta' Galea Curmi kien dettaljat ħafna u barra minn hekk iċ-Ċermen, is-Sur Paul Bugeja qal illi hu jidħol *line item* b'*line item* biex ikun ċert li ma qabżilna xejn qabel tittieħed id-deċiżjoni, liema deċiżjoni dejjem tkun unanima bħalma jkunu mqabbla l-punti li jingħataw mill-kumplament tal-membri tal-bord. Il-membri l-oħra tal-bord kienu l-Enġinier Roderick Bonnici u s-Sur Andrew Spiteri.

**24.02** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru tnejn u għoxrin (22) u tlieta u għoxrin (23)**

Minuti

Il-minuti sarulhom il-korrezzjonijiet li tressqu mis-Sinjura Doris Coleiro bil-miktub minn qabel u l-minuti kemm dawk tas-seduta 23 kif ukoll tal-24 kienu approvati b'vot unanimu wara li tressqu mis-Sur Matthew Chetcuti u kienu ssekondati mis-Sur Ian Vassallo.

**24.02.01** **Punti mill-Minuti** — Latrina Pubblika

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, semma' x-xogħlijiet li preżentement qed isiru fil-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ. Bħalissa qed jiċċanga ruħu il-parapett fejn kellna naqilbu l-ilma tax-xita 'l barra fit-triq. Fadal li titwaħħal is-*CCTV camera.*

**24.02.02** Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri li ntbagħtet l-applikazzjoni tal-*European Mobility Week* fejn il-Kunsilli Lokali tar-Rabat u tal-Imdina tefgħu il-proposta sabiex jinxtraw vetturi jaħdmu bl-elettriku biex iwasslu lir-Rabtin mill-inħawi romoti bħan-Nigret lejn iċ-ċentru tar-Rabat. — Applikazzjoni tal-European Mobility Week

**24.02.03** L-offerta pubblika tal-vettura tal-Kunsill għal darb'oħra ma tefagħha ħadd u qed ikun stabbilit illi t-tip ta' vettura li ntalbet, jiġifieri *diesel u awtomatic*, mhix daqstant popolari fil-kategorija ta' TM li ntalbet mill-Kunsill. Għaldaqstant se nikkunsidraw li din tkun petrol jew ossia tkun waħda *second hand.* — Vettura tal-Kunsill

**24.02.04** Dwar xi difetti li jidher li kien hemm fl-asfalt fi Triq Gorg Borg Olivier, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, qal illi dawn ġew indirizzati. Tniżżlet aktar 'l isfel il-grada li tilqa l-ilma tax-xita fil-parti ta' fuq ta' din it-triq kif ukoll ġiet irranġata it-tappiera ta' quddiem it-tapizzar tad-drenaġġ li kienet qed tħabbat wisq. — Difetti fi Triq GBO

**24.02.04** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq il-*launching tal-Community Policing*. Hu qal illi peress li dan se jsir waqt li hu mhux se jkun qed joħroġ mid-dar, il-KLR se jkun irrappreżentat mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. Kien hemm kliem ta' tifħir għal ħidmet l-uffiċjali tal-Pulizija li diġa' qed jagħmlu differenza fir-Rabat. — Community Policing

**24.02.06** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, irringrazzja lill-Ministeru tal-Infrastruttura li wettqu xogħol tajjeb infrastrutturali fuq iz-zuntier tal-Bażilika tar-Rabat. Hawn kien ippavimentat l-istess zuntier u fadal ftit irqaqat żgħar biex ikun konkluż kollox. — Xogħlijiet fuq iz-zuntier tal-Bażilika

**24.02.07** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq il-bżonn urġenti fuq ir-restawr tal-Kappella tal-Kunċizzjoni u t-talba tal-KLR li kienet mgħoddija lill-Onor Ministru Jose' Herrera. Hu qal illi l-Onor Herrere interessa ruħu ferm biex isiru x-xogħlijiet fuq kappella, li hija tal-Gvern u mhux tal-Knisja bħal ħafna oħrajn. — Restawr tal-Kappella tal-Kunċizzjoni

**24.02.08** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, semma' x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Lawrenti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Hu qal illi dan hu neċessarju biex titjieb l-aċċessibilita' mis-Siġġiewi għar-Rabat u finalment it-triq tingħata saff asfalt denju għaliex din intużat anke fl-*August Moon Ball* fejn kellu jinqata' l-ħaxix ħażin b'emerġenza kif kien deskritt aktar tard mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus, b'kuntrattur *b'direct order* ta' €4,000.00. — Kisi ta' Triq Lawrenti

**24.02.09** Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus żamm lill-KLR infurmat illi matul il-kumplament tal-ġimgħa se jingħata t-tarmak fl-Imtaħleb, bejn it-telgħa u l-Ħabż mill-kuntrattur tal-KLR, Bonnici Bros. Dan xogħol ta' Miżura 4.3 — Tarmac fl-Imtaħleb

**24.02.10** Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus, irrefera għall-ktieb storiku u riċerkat *Rabat Sacrum* li se jkun qed joħroġ il-KLR bl-awturi jkunu kemm il-Kan Dun Gwann Azzopard u s-Sur Thomas Freller. Dan il-ktieb se jkun qed joħroġ madwar xahar wara li l-Parroċċa tar-Rabat saret Bażilika. Għalkemm dak in-nhar ma tajniex rigal li seta jitgawda biss mill-kleru, se nkunu qed nagħtu riġal lir-Rabtin kollha bil-fanali dekorattivi li saritilhom manutenzjoni u li se jkunu qed jitwaħħlu fuq iz-zuntier/bankina quddiem il-Bażilika. Bħalissa qed jinħadmilhom l-irħam tal-pedestalli tagħhom.

Pubblikazzjoni oħra Rabtija

**24.02.11** Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus issuġġerixxa aktar tard biex fuq l-iskeda tal-*Works Orders / Purchase Orders* jinxtara u jitwaħħal l-apparat neċessarju sabiex il-laqgħat tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ikunu qed jixxandru anke b'mod diġitali b'tali mod illi wieħed ikun qed *live* ukoll fl-uffiċċju kif fil-fatt qed issir din il-laqgħa. L-istima li għandna hija tas-Sur Genovese. Is-SE qal illi dawn ix-xogħlijiet ilaħħqu għal madwar €6,000.00

Apparat għall-uffiċċju waqt video conferencing

**24.02.12** Issemma' l-Wied tal-Imtaħleb mis-Sur Kris Grech fejn qal illi dan l-aħħar intefa' fih il-konkos. Is-Sur Kris Grech kien mitlub mis-Sindku sabiex jipproduċi ritratt u *site plan* ħalli dan l-aġir ikun rappurtat lill-ERA.

Il-Wied tal-Imtaħleb

**24.02.13** Is-Sur Ian Vassallo semma' ix-xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta fi Triq Għeriexem. Hawn intqal illi hemm problema tal-ilma tax-xita li trid tiġi ndirizzata. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus, qabel ma' dan kollu u stieden lis-Sur Nazju Cassar sabiex niddiskutu dwar dan ma' *Transport Malta* speċjalment fl-*area* magħrufa bħala ta' Slampa u l-Għajn tan-Nigret. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus, qal illi aktar 'l isfel f'Għajn Qajjet, inqala' *culvert* taħt pont ta' triq sekondarja biex tnaddaf, fejn kien hemm imwaħħla fil-gandott *jumbo bag* li fiha jinġarr is-siment. Din jidher li nġarret jew intefgħet apposta.

Xogħlijiet f'Għeriexem

**24.02.14** Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus, qal illi matul dawn l-aħħar jiem saru għall-ewwel darba l-parkeġġi bir-*road marking paint* fi Pjazza Patri Martin Caruana fil-Baħrija. Dawn il-parkeġġi se jagħtu aktar gwida lis-sewwieqa u ordni aħjar lill-pjazza b'żieda ta' parkeġġ fin-nofs. Għaldaqstant jista' jiġi infurzat il-parkeġġjar mill-awtoritajiet li wrew it-tifħir tagħhom għal din l-inizjattiva.

Road Marking fi Pjazza Patri Martin Caruana

**24.03** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 32 u Ċedola tal-pagamenti numru 313**

L-iskeda tal-pagament numru 313 u l-*Works Order/Purchase Order* list 32 kienu approvati b'vot unanimu wara li kienu proposti mis-Sur Chris Farrugia u sekondati mis-Sur Kris Grech. Dik tal-aħħar saritilha żieda msemmija aktar 'il fuq biex jinxtara u jitwaħħal apparat fil-*conference room* biex kunsillieri jsegwu l-laqgħa u jkunu *live* minn djarhom stess minħabba ċirkustanzi diffiċli tal-Covid 19 kif fil-fatt laqtitna preżentement.

B'riferenza għall-qtugħ tal-ħaxix f'Lawrenti, is-Sur Nazju Cassar talab li nibgħatu nofs il-kont lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi filwaqt li s-Sur Kris Grech qal illi l-KLR għandu jagħmel talba sabiex dawn l-inħawi jiġu jiffurmaw parti mir-Rabat kif minn dejjem hekk kienu.

Skeda tal-pagamenti u tal-Works Orders

**24.04** **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm.

**24.05** **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' xiri ta' van għall-Kunsill (RLC/T/192/20)**

Kien approvat b'vot unanimu ir-rapport li ssottomettew l-evalwaturi għal xiri ta' vann ġdid għall-Kunsill.

Rapport mill-Evalwaturi tal-offerti

**24.06** **Proposti uffiċjali tal-Kunsill Lokali tar-Rabat għall-*Master Plans* tal-Widien (Water Catchments) tal-Baħrija, il-Kbir, il-Ġnejna, Għasel ecc** — Master Plans

Ma kienx hemm proposti uffiċjali xi jsiru. Madankollu is-SE u anke is-Sur Kris Grech ħadu sehem f'diversi laqgħat pubbliċi u oħrajn on-line ma' ADI Associates u esprimew il-fehma tagħhom f'isem il-KLR.

**24.07** **Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta tax-xogħlijiet fl-Uffiċini Aministrattivi – Triq l-Isptar** — Bord tal-Offerta tal-Uffiċċju Amminis-trattiv

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, stieden lis-SE jitkellem fuq l-offerti pubbliċi l-oħra. L-offerti tal-ri-kostruzzjoni tal-uffiċini amministrattivi ta' Triq l-Isptar infetħu u kull offerent tefa' bejn wieħed u ieħor *lever arch file* ta' dokumentazzjoni. Jidher li kien hemm konkorrenza tajba ħafna wara li twieġbu l-klarifiki kollha fl-istadju meta l-offerta kienet miftuħa.

Il-Kunsill ħalla f'idejn l-amministrattiv biex jagħmel l-għażla tal-membri tal-bord.

**24.08** **Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità** — Proġetti Kapitali

Is-SE semma' l-iskema tal-Aċċessibilita' tad-Dipartiment Gvern Lokali u bħala proposta issuġġerixxa wara li kkonsulta mas-Sindku, s-Sur Sandro Craus, li napplikaw biex ikun installat il-*passenger lift* fl-uffiċċju tal-Kunsill fi Triq l-Isptar. Il-KLM qabel unanimament illi jsir dan ħalli ntaffu ftit mill-ispejjeż ta' dan il-*passenger lift* li mingħajru kif spjega il-Perit Charles Buhagiar fis-smiegħ tal-Awtorita' tal-Ippjanar segwit mis-SE dal-għodu stess, ma nistgħux ngħaddu mingħajru. Dan għaliex wieħed mil-kunsillieri hu b'diżabilità u se nibdew niltaqgħu tliet sulari 'l fuq f'din il-binja.

**24.09** **Talba għal kumpens ta' danni minn Mary Mifsud li skidjat bil-vettura fil-Fiddien f'Jannar 2020** — Talba għal kumpens

Dwar it-talba sabiex jingħata kumpens fuq ħsara fuq vettura lis-Sra Mary Mifsud ix-xitwa li għaddiet, il-KLR ma jistax jikkunsidrah mingħajr ir-rapport tal-Pulizija, minkejja li din qalet illi kienet tat dan ir-rapport lil xi ħadd. Għaldaqstant, se tkun mitluba terġa' tipproduċih.

**24.10** **Punti Oħra** — Lampa ġdida

Is-Sur Matthew Chetcuti talab biex issir lampa ġdida fl-appartamenti ta' Għajn Qajjet. Hu se jagħti d-dettalji biex jitbgħatu lill-*Projects Manager* li bħalissa qed jieħu ħsieb ir-*refurbishment* fl-istess binjiet. Dan il-proġett kien fil-media nhar is-Sibt, 3 t'Ottubru filgħodu fejn is-Sindku indirizza wkoll *press conference* mal-Onor Roderick Galdes, responsabbli mil-binjiet tal-Gvern.

**24.10.02** Minkejja li l-Attività ta' villaġġ tal-Milied, *Natalis Notabilis* mhix se ssir minħabba l-Pandemija tal-Covid 19, is-Sur Matthew Chetcuti ressaq talba biex l-istess organizzaturi jkunu involuti fl-armar tal-Milied fit-toroq tan-naħa tal-Knisja Ta' Ġieżu u l-KLR jikkumpensahom ta' dan bħalma ġara s-sena l-oħra. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan mil-kunsillieri. Intant is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi din is-sena se jiżdied l-armar tat-toroq fil-Milied fi Triq Santa Rita u Pjazza San Katald. — Il-Milied

Kien deċiż illi tintbgħat ittra lill-għaqdiet kollha biex noffrulhom l-għajnuna peress li dawn qed ibatu ferm minħabba l-Covid 19 peress li nqatgħu l-attivitajiet kollha. Hawn issemma' illi jistgħu isiru laqgħat *on-line* u se navviċinawhom minn issa biex naraw x'jaħsbu u kif jistgħu jikkontribwixxu/jipprovdu fil-Milied bil-limitazzjonijiet kollha tagħhom. — Ittra lill-għaqdiet

**24.10.03** Is-Sur Ian Vassallo ressaq talba sabiex Triq il-Lellux isirulha l-marki tat-traffiku biex il-veloċità ma tkunx aktar elevata minn 30km/h. Dan għaliex kienu osservati diversi abbużi b'sewqan perikoluż. — Marki tat-traffiku

**24.10.04** Is-Sur Ian Vassallo ressaq talba oħra sabiex Triq il-Fidloqqom u Triq Sammy Abela jsiru *one-way* minħabba li hemm *blind corner* u qed isiru bosta inċidenti. Se titressaq talba lill-Transport Malta li se tkun tinkorpora proposti ta' rotot fid-direzzjoni opposta. — Proposta ta' one-way

**24.10.05** Is-Sur Kris Grech talab illi l-fanali dekorattivi li hemm fi Triq Santu Wistin jinbidlu bħal dawk li qed jitwaħħlu f'toroq oħrajn fir-Rabat. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi fl-aħħar mill-aħħar irridu wkoll inwaħħluhom anke fi Vjal Santu Wistin għaliex jixraq li jkun hemm aktar dawl u fl-istess ħin jinbidlu l-*uplighters* li qed iħarsu fuq il-faċċata tal-Knisja ta' Santu Wistin li qed jagħtu ħafna diffikultajiet f'manutenzjoni. Dwar l-illuminazzjoni tat-toroq saret referenza għaz-zuntier tal-Bażilika fejn intqal illi jaqbel illi jsiru l-fanali wkoll u possibilment isiru wkoll fi Triq ir-Rebħa fejn hemm klinika ta' tabib għax hemm ukoll ħafna dlam. — Fanali dekorattivi

**24.10.06** Is-Sur Ian Vassallo qal illi hemm bżonn jinbidel *cover ta' culvert* li jinsab għaddej fuq bankina quddiem 81 Triq Bir ir-Riebu, ir-Rabat. Se ssir spezzjoni mit-tim tal-manutenzjoni tal-Kunsill. — Cover ta' culvert fuq bankina

**24.10.07** Is-Sur Matthew Chetcuti semma' l-premju Soċjeta' Ġusta u ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex jagħtu l-*input* tagħhom dwar dan. — Premju Soċjeta' Ġusta

**24.10.08** Kris Grech talab illi l-kuntrattur jibda' jiġbor il-borża l-griża fil-Kunċizzjoni, fl-Għemmieri u Misraħ Suffara. Infatti issemma' l-fatt li anke l-ħġieġ mhux jinħabar kif suppost u se jinħarġu *default notices* fuq il-kuntrattur u l-iskema. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus, qal illi issa se jkun impjegat magħnma l-eks kunsillier is-Sur Paul Grech u jista' jiltaqa' mal-kollettur per eżempju fil-Fiddien u jieħdu hu stess fejn qed jonqos li jinġabar l-iskart f'dawn l-*areas*. — Servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklat

**24.11** **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss** — Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u se ssir dik li jmiss fit-28 ta' Ottubru, 2020 fis-6.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 28.10.20 minn
Segretarju Eżekuttiv

Sandro Craus
Sindku